**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**

## Lombard Bank Malta p.l.c. – Laqgħa Ġenerali Annwali 2016

Il-Laqgħa Annwali Ġenerali ta' Lombard Bank Malta plc saret illum, 28 ta' April 2016. Waqt il-Laqgħa, l-azzjonisti approvaw ir-Reżoluzzjonijiet Ordinarji kollha li kienu ppreżentati fuq l-Agenda. Fir-rigward tal-approvazzjoni tad-dividend, ġie rrapurtat li l-maġġoranza tal-azzjonisti għażlu li jirċievu d-dividend taghhom f'ishma ġodda minflok fi flus.

Waqt il-Laqgħa, iċ-*Chairman*, Michael Bonello, ta ħarsa lejn l-ambjent li fih operaw il-banek fl-2015, b'riferenza għar-rati baxxi tal-imgħax li qatt ma rajna bħalhom; regolamenti li kulma jmorru qegħdin jinsistu fuq sistema ta' *"one-size fits all"* u l-kundizzjonijiet kompetitivi tas-suq f'dak li għandu x'jaqsam kemm ma' kummerċ kif ukoll ta' riżorsi umani.

Minkejja dan l-ambjent, il-Lombard Bank kompla jsaħħaħ il-qagħda finanzjarja tiegħu kif jidher mill-*Capital* u *Liquidity Ratios* b'saħħithom li huma ogħla mill-minimu stabbilit, kif ukoll mill-*Consolidated Group Profit before Tax* ta' €7.8 miljun. Fl-2016 il-Bank se jkompli jimxi bi prudenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' proposti ta'self, dejjem u biss jekk dawn il proposti jikkonformaw mal-interpretazzjoni tar-regolamenti bankarja kurrenti.

Il-Bord tad-Diretturi huwa kompost minn Michael C Bonello (*Chairman*), Graham A Fairclough, Kimon Palamidis, Joseph Said, Christos Stylianides u Michael Zammit.

28 ta' April 2016